



II-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 109/10
il-Lussemburgo, 25 ta' Ottubru 2010

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Dħul fil-kariga ta' Mħallef ġidid tal-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea

Udjenza solenni tal-25 ta' Ottubru 2010

Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Ottubru 2010, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati membri ħatru lil Dimitrios Gratsias bħala Mħallef tal-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea, minflok Mihalis Vilaras, għall-periodu bejn il-25 ta' Ottubru 2010 u l-31 ta' Awwissu 2016.

Fl-okkażjoni tal-waqfien mill-kariga u t-tluq ta' Mihalis Vilaras, kif ukoll fl-okkażjoni tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' Dimitrios Gratsias, illum inżammet udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Dimitrios Gratsias

imwied fl-1957; gradwat fil-liġi mill-Università ta' Ateni (1980); gradwat fid-dritt pubbliku, wara studji fil-fond, mill-Università ta' Pariġi I, Panthéon-Sorbonne (1981); mogħti ċertifikat miċ-ċentru universitarju ta' studji Komunitarji u Ewropej (Università ta' Pariġi) (1982); awdīt mal-Conseil d'État (1985-1992); kariga ta' "maître des requêtes" mal-Conseil d'État (1992-2005); référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1994-1996); Membru assoċjat tal-Qorti suprema speċjali Griega (1998 u 1999); kariga ta' "conseiller" mal-Conseil d'État (2005); Membru tal-Qorti speċjali adita b'kawżi kontra membri tas-sistema ġudizzjarja (2006); Membru tal-Kunsill superjuri tal-maġistratura amministrattiva (2008); Spettur tat-tribunali amministrattivi (2009-2010); Imħallef tal-Qorti Ĝeneralni mill-25 ta' Ottubru 2010.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Immaġni tal-udjenza solenni huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106